# ĦARSA LEJN XI AVVENIMENTI STORIĊI U RIKLAMI ☺ KIF DEHRU FIL-GAZZETTI LOKALI.

Il-Berqa

Għadd 3,237 IL-ĠIMGĦA, 14 TA' AWISSU 1942 JINBIEGĦ 1½d.

**Il-Ġimgħa, 14 ta' Awwissu 1942**

Il-wasla tal-konvoj ta' Santa Marija hu avveniment storiku importanti ħafna fl-istorja tat-Tieni Gwerra Dinjija u ta' pajjiżna. Diversi studjużi tal-Istorja jsostnu li kieku ma waslux dawn il-bastimenti bl-ikel u proviżjon ieħor, Malta kien ikollha ċċedi. Il-ġurnal *Il-Berqa* jirrapporta din il-ġrajja b'artiklu fin-naħa tal-lemin tal-faċċata tal-ħarġa tal-Ġimgħa, 14 ta' Awwissu 1942.

1. L-artiklu jgħidilna li xi ajruplani msejħin [Spitfires](#) dehru jittajru fuq il-vapuri biex jipproteġuhom mill-ajruplani tal-għadu.
2. Eżatt fuq l-artiklu dwar il-wasla tal-konvoj hemm xbieha tal-[George Cross](#).

Il-Berqa

**It-Tnejn, 26 ta' Marzu 1945**

**JUM IR-REBĦ TA' RUŻAR BRIFFA**

U l-Kotra qamet f'daqqa – u għajtet: "Jien Maltija!
Miskin min ikasbarni - miskin min jidħak bija!"

U l-Kotra għanniet f'daqqa – u semmgħet mal-irjieħ
L-Innu ta' Malta tagħna – u l-leħen kien rebbieħ,

Fuq ngħas l-imgħoddi ġwejjef – in-ngħas tal-Apatija
Xħin ruħna kienet rieqda – ġo sodda barranija;

U l-ombra ta' Vassalli – qamet minn qiegħ il-qabar,
U għajtet: "Issa fl-aħħar – jiena se nsib is-sabar."

Din hija waħda mill-aktar poeżiji magħrufa ta' Rużar Briffa u tnebbħet minn avveniment li kien seħħ fl-Empire Stadium tal-Gżira. Dakinhar l-ispettaturi Maltin preżenti għal-logħba bejn tim Malti u t-tim Jugoslav tal-Hajduks ipprotestaw għax, filwaqt li ndaqqew l-Innu Jugoslav u l-God Save the King (l-Innu Ingliż), l-Innu Malti ma ndaqqx. Ir-rapport, intitolat *Għaxar Goals Oħra Għall-Hajduks,* jidher f'paġna 4 tal-ġurnal *Il-Berqa* tat-Tnejn, 26 ta' Marzu 1945.

**3. L-artiklu jiddeskrivi l-mument meta l-folla qamet bilwieqfa u kantat l-Innu Nazzjonali Malti bħala**

**"waqt tassew li jqanqal".**

**4. Kemm skurjaw gowls b'kollox il-Hajduks kontra t-timijiet tan-Navy u Malta?** Għaxra


Il-Berqa
Nru. 9,092. IT-TNEJN, 16 TA' OTTUBRU, 1961. Jinbiegħ 2d.

**It-Tnejn, 16 ta' Ottubru 1961**

Dun Karm Psaila, il-Poeta Nazzjonali, twieled fit-18 ta' Ottubru 1871 u sar qassis ta' 23 sena. Ħareġ l-ewwel ktieb ta' poeżiji bit-Taljan fl-1896. Beda jikteb bil-Malti fl-1912 meta kellu 40 sena u, minn hemm 'il quddiem, kiteb bosta poeżiji bi lsienna dwar, fost oħrajn, it-tradizzjonijiet, l-eroj u l-ġrajjiet storiċi Maltin. Dun Karm miet fit-13 ta' Ottubru 1961. Il-ħarġa ta' *Il-Berqa* tat-Tnejn, 16 ta' Ottubru 1961 tirrapporta bi prominenza l-funeral tal-Poeta Nazzjonali.



**5. Il-quddiesa tal-funeral ta' Dun Karm saret fil-Knisja Parrokkjali ta'** Ħaż-Żebbuġ **u tqaddset mill-Kappillan, Dun** Lawrenz Zammit.

**6. Fl-ewwel paġna ta' *Il-Berqa* tas-16 ta' Ottubru jidher ukoll is-**sunett ***Lil Dun Karm*, miktub minn Alfred M. Previ.**

# l-orizzont Is-Sibt, 16 ta' Diċembru 1967

Sal-1839, f'Malta, ħadd ma seta' jxandar jew jistampa xi ġurnal jew pubblikazzjoni oħra mingħajr il-permess tal-awtoritajiet. Il-libertà tal-istampa, mogħtija fl-1839, fissret li bdew joħorġu għadd ta' gazzetti, l-aktar bit-Taljan u l-Ingliż, u wara bil-Malti wkoll. Il-gazzetti huma wieħed mill-mezzi stampati favoriti mal-Maltin anki jekk illum, minħabba l-progress fit-teknoloġija, il-bejgħ tagħhom naqas drastikament. Il-ġurnali, ġenerlament, ikun fihom aħbarijiet, informazzjoni varja, xi paġna ta' logħob/divertiment, paġni b'tagħrif u riżultati sportivi, u riklami. Ifli sew ir-riklami li jidhru f'paġna 3 ta' *L-Orizzont* tas-Sibt, 16 ta' Diċembru 1967 u imla l-vojt fis-sentenzi li ġejjin.

☆ **STONES DANCE** ☆

GHADA L-HADD, 17 TA' DIĊEMBRU
MIS-6.30 P.M. 'IL QUDDIEM
fil-PALACE BALLROOM — PAOLA
IDOQQU:
"THE NORTHBEATS" u
"THE MALTA BUMS"
SPOT PRIZES

**OFFERTA TAL-MILIED**

MINGHAND **MIZZI**
Ixtri l-BMC MINI ISSA
u tiehu B'XEJN

★ LIĊENZJA SAL-31 TA' DIĊEMBRU 1967
★ UNDERSEAL
★ NUMRI TAL-METALL
★ TAPP TAL-PETROL BIĊ-ĊAVETTA



U PREZZIJIET ĠODDA B'RIDUZZJONIJIET KBAR

FATTURI IMPORTANTI

- Taghmel aktar minn 45 m.p.g.
- Hydrolastic Suspension ghar-rikba aħjar
- Makna la ġenba għal aktar spazju
- Road holding aħjar

IL-BMC TAGHTIK AKTAR — AKTAR KAROZZI MINN FEJN TAGHŻEL — AKTAR MINN KULL KAROZZA OHRA
'TRIAL RUN' B'XEJN F'KULL HIN TAL-ĠURNATA

**MIZZI'S — MSIDA**
— IL-MECCA TAL-MOTORISTI

7. Mizzi kellu offerta tal-Milied għal min jixtri BMC Mini.

B'din l-offerta kont tieħu liċenzja, underseal, numri tal-metall u tapp tal-petrol biċ-ċavetta b'xejn!

8. Nhar il-Ħadd 17 ta' Diċembru, il-gruppi *The Northbeats* u *The Malta Bums* kienu se jdoqqu fil-Palace Ballroom ta' Raħal Ġdid.

## l-orizzont — It-Tlieta, 28 ta' Mejju 2002



Il-Festival tal-Eurovision iqanqal, ta' kull sena, stennija u interess f'ħafna Maltin. Malta ilha tieħu sehem fil-Eurovision mill-1971. S'issa Malta għadha qatt ma rebħet dan il-festival imma għal diversi snin ikklassifikat tajjeb u, f'xi okkażjonijiet, kienet biss ftit punti 'l bogħod mir-rebħa! Fl-2002, ngħidu aħna, Ira Losco kienet ġiet it-tieni bid-diska *7th Wonder*. Ir-rapport f'paġni 20 u 21 ta' *L-Orizzont* tat-Tlieta, 28 ta' Mejju 2002 jgħidilna kif il-Maltin kienu laqgħu lil Ira Losco fl-ajruport.

9. It-titlu tar-rapport jindika li kien hemm mijiet ta' nies jistennew lil Ira Losco fis-sala tal-wasla fl-ajruport.

10. Il-Festival tal-Eurovision tal-2002 kien sar l-Estonja.

## In-Nazzjon — Il-Ġimgħa, 13 ta' Marzu 2020

L-avvenimenti u l-ġrajjiet li qrajt u weġibt fuqhom s'issa m'għexthomx direttament għax meta seħħew ma kontx twelidt! ☺ Imma żgur tiftakar x'kien ġara f'pajjiżna u mad-dinja kollha minħabba l-pandemija Covid-19. Hu maħsub li din l-imxija faqqgħet fiċ-Ċina f'Diċembru 2019. Il-virus, imbagħad, beda jinfirex mad-dinja kollha fl-2020. Il-pandemija ġabet taqlib kbir f'bosta pajjiżi, fosthom f'Malta. Ħares lejn l-artikli u l-istampi li dehru f'paġni 4 u 5 tal-ġurnal *In-Nazzjon* tal-Ġimgħa, 13 ta' Marzu 2020 u imla l-vojt fis-sentenzi ta' hawn taħt.

11. Ir-rapport ewlieni f'paġna 4 jgħidilna li b'effett immedjat l-iskejjel kollha kellhom jagħlqu għal ġimgħa sħiħa.




12. Fir-ritratt f'paġna 5 tidher is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, Charmaine Gauci, waqt konferenza tal-aħbarijiet. Warajha jidher in-numru tat-telefown li n-nies setgħu jċemplu biex jingħataw għajnuna u tagħrif dwar il-pandemija.